IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 09-2020(24_02_2020)**

**24 ta' Frar 2020**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Damien Spiteri - Sindku
Is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Kimberly Spiteri - Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Damien Spiteri.

**09.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

09.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li s-Sur Mark Busuttil kien informa verbalment lis-Sindku fejn talab ikun skużat peress li f'din il-ġurnata huwa ser ikun imsiefer. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill ukoll li kienet irċeviet *e-mail* mingħand is-Sur Joseph Cauchi fejn talab ikun skużat peress li huwa kien ser ikun xogħol.
Huma ġew skużati.

**09.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

09.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 08-2020(30_01_2020) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**09.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

09.3.1 Is-Sindku beda jiddiskuti dwar il-Ħarġa għal Malta li ser jorganizza l-Kunsill għal Marzu jew April 2020. Id-data proposta hija d-19 ta' Marzu 2020, Festa ta' San Ġużepp, u l-ħarġa tkun tikkonsisti fi żjara lill-istatwa tar-Redentur fil-Bażilika tal-Isla u l-festa ta' San Ġużepp fir-Rabat. Fuq din il-materja, il-Kunsill għadu jrid jiddiskuti.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien irċieva talba sabiex issir bozza fit-tarf ta' Triq Żgħawri.

Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera u ħeġġiġhom sabiex jinfurmaw lir-residenti illi nhar ta' Ġimgħa fl-4:30 ta' filgħaxija fiċ-Ċentru Parrokkjali, Il-Munxar kienu qed isiru sessjonijiet ta' *story telling*. Dan l-avviż kien ser jiġi ppubblikat fl-avviżi tal-Kunsill li jmiss.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien irċieva talba sabiex issir tabella 'uneven surface' fil-passaġġ li jwasslek għat-Torri tax-Xlendi.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien irċieva lment mingħand resident fi Triq Munxar, ħdejn Ġnien Ragalna, rigward *wires* li waħħal il-Kunsill mal-faċċata ta' dan ir-resident. Dan ir-resident qed jitlob illi issa dawn il-*wires* jinqalgħu mill-Kunsill peress li ser jirranġa l-faċċata tad-dar. Il-Kunsill ser jieħu parir mingħand l-*electrician*.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-persuna inkarigata mis-sessjonijiet ta' *Chair Yoga* għall-Anzjani li saru fiċ-Ċentru Parrokkjali, Il-Munxar fl-2019 tixtieq terġa' torganizza sessjonijiet oħrajn simili, din id-darba bi ħlas. Il-Kunsill ser jagħmel kuntatt ma' din il-persuna.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien applika sabiex jiġu organizzati Korsijiet Lifelong Learning 2020/2021 skont Ċirkulari Numru SPI/01/2020 maħruġa mid-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Direttorat għall-Gvern Lokali. Il-korsijiet applikati huma Maltese Level 1; Health, Wellbeing & Successful Aging Level MQF1; Creative Knitting Level MQF1; Basic Digital Photography Level MQF1 u Sewing Basics Level MQF1 u jsiru fiċ-Ċentru Parrokkjali, Il-Munxar. Is-Sinjura Juliet Attard issuġġeriet li ssir xi ħaġa għat-tfal.

Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera preżenti dwar l-obbligu tagħhom illi jħejju r-rapport annwali tagħhom skont ir-responsabbiltajiet tal-Kunsilliera li ngħataw lilhom.

Is-Sindku fakkar ukoll illi wasal iż-żmien sabiex issir il-laqgħa pubblika tal-lokalità li għandha ssir kull sitt xhur. Ser issir laqgħa għar-residenti fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fix-xahar ta' Marzu 2020.

Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar l-opportunità ta' *networking* li tikkonsisti f'opportunitajiet ta' safar minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jesplora tali possibbiltà.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienu saru diversi talbiet fuq is-sistema Gozo Local Councils Works Requests tal-Ministeru għal Għawdex li ma ġewx aċċettati fosthom żbir ta' siġar taż-Żebbuġ u Palm u bini ta' bankini. Ġie deċiż illi l-Kunsill jixtri l-materjal u l-*equipment* (mutur li jaqta' s-siġar, mutur li jaqta' l-ħaxix u *grinder*) u jikri *high-up* u x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sezzjoni tad-Drenaġġ u l-Water Services Corporation ser jagħmlu *inspection* fix-*shelter* tal-Pjazza tal-Knisja sabiex niżguraw li huwa sigur u li jkunu jistgħu jinbdew ix-xogħlijiet.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħlijiet ta' bini mill-ġdid ta' Triq Munxar jinsabu għaddejjin, fejn hemm il-*gutter* nofsu lest u fadal in-nofs l-ieħor.

Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-proġett tat-Torri tax-Xlendi fejn għaddejjin diskussjonijiet mal-ERA dwar l-aċċess li ser ikun minn Triq ix-Xadba, il-Kunsill irċieva l-*invoice* tal-*pre-finance* qabel jibda x-xogħol ta' restawr li ddaħħlet fl-iskeda tal-ħlasijiet ta' din il-laqgħa u ntalbet *extension* tad-data tat-tmiem il-proġett. Dwar ix-xogħlijiet ta' ġewwa l-perit u l-inġinier għandhom jikkonkludu l-istimi ħalli eventwalment joħorġu t-*tenders*.

Is-Sindku informa lill-Kunsill rigward il-proġett tal-*Masterplan* tax-Xlendi li jinsab wieqaf u għaldaqstant qed tintalab laqgħa mal-Ministru għal Għawdex.

Is-Sindku ssuġġerixxa illi ssir 'stop sign' fil-*Parking* tax-Xlendi minħabba li qed ikun hemm ħafna inċidenti u tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex tabella ta' *road hump* li tinsab fi Triq San Pawl tinqala' għaliex ir-*road hump* mhix hemm.

Is-Sindku rċieva talba sabiex isir bank fi Triq Munxar. Id-Dipartiment ta' Eco-Gozo ser jaħdmu fuq il-bini ta' ħajt ta' fejn il-Wied tax-Xlendi li waqa' u possibbilment assistenza fuq l-eventwali proġett ta' *embellishment* tal-Għar ta' Karolina. Irċieva wkoll talba mingħand residenti f'*area* Ta' Rinota sabiex isir il-livellar tat-triq u s-servizzi tad-drenaġġ. Din it-talba ser tgħaddi lill-Ministeru għal Għawdex.

Is-Sindku rċieva lment mingħand persuna li għandha garaxx fi Triq ir-Ranċiż minħabba li sar *disabled parking bay* li parti minnu jiġi eżatt quddiem il-garaxx tiegħu bil-konsegwenza li ma jistax idaħħal il-karozza tiegħu fil-garaxx. Il-Kunsill ser iressaq dan l-ilment lil Transport Malta u jitlob sabiex dik il-parti tad-*disbaled bay* li tiġi quddiem il-garaxx titneħħa.

Is-Sindku ssuġġerixxa illi peress li Ix-Xlendi huwa post turistiku l-Kunsill għandu jitlob fondi għall-attivitajiet fix-Xlendi mingħand il-Ministeru tat-Turiżmu u l-Ministeru għal Għawdex.

### 09.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

09.4.1 Il-Viċi Sindku, is-Sa Carmela Parnis fakkret lill-Kunsill dwar it-tabelli li ma għadhomx jidhru ċari, dwar *double yellow line* fi Triq ir-Ranċiż kantuniera ma' Triq iż-Żirżieb minħabba li parti saret u parti ma saritx u dwar ġrieden fi Triq iż-Żirżieb. Is-Sindku informaha li dawn it-tabelli ser jinbidlu, dwar id-*double yellow line* kien ser imur jiċċekkja u li l-Kunsill irrapporta ħafna drabi l-problema tal-ġrieden lit-Taqsima tas-Sanità. Is-Sa Parnis staqsiet dwar il-kennies li jiknes fil-Pjazza tal-Knisja u dwar il-*boatyard* tax-Xlendi. Is-Sindku informaha li ser jagħmel talba għal aktar ħaddiema u li l-*boatyard* qed titkompla. Is-Sa Parnis infurmat lill-Kunsill li kienet irċeviet suġġeriment mingħand resident sabiex jinbena ħajt ma' għalqa fi Triq iż-Żirżieb peress li qed jintefa' ħafna żibel. Is-Sindku saħaq li hemm bżonn edukazzjoni u eventwalment infurzar sabiex jitnaqqas dan ir-rimi tal-iskart.

09.4.2 Is-Sinjura Juliet Attard infurmat lill-Kunsill li kienet rat *Cat Cafè* f'Għawdex. Is-Sinjura Attard ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li quddiem l-istatwa ta' Sant'Indrija fix-Xlendi hemm dgħajsa li qiegħda toħloq ostakolu lil persuna b'diżabilità minħabba li ma jkunx jista' jgħaddi. Hija talbet lill-Kunsill sabiex issir ħadida għan-nies li jkunu telgħin jew neżlin il-baħar fejn il-Blata l-Maqsuma. Is-Sindku informaha li din il-ħadida ser tiġi diskussa aktar 'il quddiem meta joqrob is-sajf.

### 09.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

09.5.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv irċeviet mingħand il-jobsplus żewġ listi ta' persuni li jistgħu japplikaw għall-post ta' *General Hand* skont il-Community Inclusive Employment Scheme (CIES). Peress li l-kandidati fuq lista minnhom setgħu jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom lill-Kunsill sal-25 ta' Jannar 2020 u l-Kunsill ma rċieva xejn intbagħtet il-lista l-oħra u issa d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija d-29 ta' Frar 2020. Peress li fil-maġġoranza l-kandidati huma kollha Maltin għandha ssir komunikazzjoni ulterjuri ma' min hu inkarigat minn din l-iskema.

09.5.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat *draft* tal-*lease agreement* bejn il-Kunsill Lokali Il-Munxar u l-HSBC Bank Malta plc sabiex il-Bank jikri l-kamra/*kiosk* fil-*Parking* ta' Pjazza l-Anfori, Ix-Xlendi biex tintuża bħala ATM. Il-kera ser tkun ta' €4,000 fis-sena għall-perjodu minimu ta' tliet snin. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-arloġġ li ser jinxtara ser jitħallas mill-ewwel mill-bank. Peress li hemm possibbiltà li titħarrek il-*kiosk* minħabba l-*Masterplan* tax-Xlendi, qiegħda tintalab laqgħa mal-Bank qabel jiġi ffirmat il-kuntratt.

09.5.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li kienet waslet fil-Kunsill il-konsenja ta' boroż bojod għall-ġbir ta' skart organiku mingħand il-Wasteserv. Dawn għandhom jitqassmu żewġ rollijiet lil kull residenza. Waqt laqgħa mar-rappreżentanti ta' Wasteserv, il-Kunsill ġie infurmat li l-*kerbside truck* għall-ġbir ta' skart separat li jiġi fil-Munxar qed isir użu tajjeb ħafna minnu iżda tax-Xlendi qed jintuża ferm inqas. Preżentament it-trakk fix-Xlendi qed joqgħod fil-*Parking* ta' Pjazza l-Anfori. Huma qed jissuġġerixxu li jinbidel dan il-post fix-Xlendi u minflok it-trakk joqgħod quddiem l-ewwel ristorant taħt il-Knisja tax-Xlendi fi Triq ir-Rabat. Il-Kunsill issuġġerixxa li t-trakk jibda joqgħod fil-*Parking* ta' Triq San Xmun u għaldaqstant hemm bżonn li l-post jiġi identifikat. Ġie deċiż li l-Kunsill jinforma lil Wasteserv sabiex it-trakk jibda joqgħod fi Triq ir-Rabat faċċata tal-ewwel ristorant taħt il-Knisja tax-Xlendi.

**09.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

09.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/1/2020 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy)*, Direttorat għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Korsijiet Lifelong Learning 2020/2021'.

09.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/007 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Laqgħa tas-Sindki 22/02/20', fejn qed titwassal stedina għal-laqgħa tas-Sindki tat-22 ta' Frar 2020 u anke r-rapport (*brief*) bħala introduzzjoni ta' dak li ser jiġi diskuss.

09.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/008 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Sessjoni ta' taħriġ fuq l-Evalwazzjoni ta' *Tenders* 01/04/2020'. Din l-Assoċjazzjoni kkomunikat mad-Dipartiment tal-Kuntratti fejn ser tkun qed tiġi organizzata sessjoni ta' taħriġ għall-Membri Eletti, fl-1 ta' April 2020 fil-Marsa, u ser tiffoka fuq l-evalwazzjoni ta' *tenders* fuq is-sistema tal-*EPPS*. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jipparteċipa.

09.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/009 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Tqassim ta' Borża Organika mill-Wasteserv'. Il-Kunsill ġie infurmat li għall-aħħar ta' Frar 2020 il-Wasteserv ser tqassam dawn il-boroż u għall-bidu ta' Ġunju ser ikun qed jerġa' jitqassam l-istess ammont. L-ammont ta' boroż imqassam ser ikun dak li jkopri żewġ rollijiet għal kull residenza.

09.6.5 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/010 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'EUSEW (EU Sustainable Energy Week) 2020 Awards: Nominate Women in Energy' fejn qed titwassal korrispondenza dwar din l-attività.

09.6.6 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/011 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Invitation: Women in Politics: Overcoming the gender gap – 5$^{th}$ March 2020, Brussels, CoR, JDE 51' fejn qed titwassal korrispondenza dwar din l-attività mingħand The European Committee of the Regions (CoR).

09.6.7 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/012 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Malta Climate Change Townhall Style Meeting' fit-28 ta' Frar 2020 minn-nofsinhar sal-4:00 ta' waranofsinhar fil-Qawra. L-Assoċjazzjoni qiegħda tgħaddi lill-Kunsill korrispondenza dwar din l-attività mingħand il-Malta Tourism Authority.

09.6.8 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/013 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Young Elected Politicians: Call for application – 2020 YEP programme', fejn qed titwassal stedina u aktar informazzjoni dwar din il-*call* mingħand The European Committee of the Regions (CoR).

09.6.9 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-EU & International Affairs Unit, EUaffairs, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Save the date: LIFE Information Session & Writers Workshop – 13th February 2020'. Huwa ta aktar informazzjoni dwar din l-attività u wassal l-istedina mingħand id-Directorate for the Environment and Climate Change.

09.6.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal korrispondenza mingħand id-DG Global Issues, International Development & Economic Affairs fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej rigward 'Proposal for Twinning Niijima Island – Japan'. Ir-Reġjun Għawdex informa li ser ikun qed jiddiskuti din il-materja fil-laqgħa tar-Reġjun Għawdex li jmiss.

09.6.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li hija Cultural Anthropologist and Art Historian rigward 'Request for sponsorship for the new book about Gozo and activities around it' miktub minnha. Hija tat aktar informazzjoni dwar dan il-ktieb u x-xogħol tagħha inkluż it-*table of contents*, l-introduzzjoni għall-ktieb, The Għonnella bħala *specimen* qasir tal-*essays* u testimonjanza personali ta' *wearer* li hija rrekordjat tnejn u tletin sena ilu. Hija qiegħda titlob *sponsor* mingħand il-Kunsill.

09.6.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reading Club International rigward 'Local Council Collaboration – Workshop Event' fejn il-Kunsill ġie infurmat li sabiex jiżdied il-litteriżmu u l-użu tal-libreriji lokali ser itellgħu *workshop* ta' erba' sessjonijiet maqsuma fuq jumejn. Ingħatat aktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva u talbu lill-Kunsill sabiex jikkunsidra l-offerta tagħhom.

09.6.13 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tal-91 Laqgħa tar-Reġjun Għawdex tat-28 ta' Frar 2020 u l-Minuti tal-Laqgħa Numru 90/2020 kif ukoll l-Iskedi ta' Pagamenti Nru 90 u Nru 91 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

09.6.14 Il-Kunsill irċieva invit mingħand il-Gozo Tourism Association għat-21st Annual General Meeting 2020 ta' din l-Assoċjazzjoni fis-27 ta' Frar 2020, Ix-Xewkija.

09.6.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment of Physics Institute of Space Sciences & Astronomy fl-Università ta' Malta dwar 'Seminar on Light Pollution – 17th of March in Valletta – Call for registration'. Huwa ta aktar dettalji dwar il-*light pollution* u elenka l-għanijiet prinċipali ta' dan is-*seminar.*

09.6.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* u l-Aġenda mingħand in-National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) rigward 'Konferenza NCPE – 4 ta' Marzu 2020 – Jum Internazzjonali tal-Mara 2020', fin-Naxxar għaċ-ċelebrazzjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Mara. Din il-konferenza ser tindirizza l-Intelliġenza Artifiċjali u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

09.6.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand kumpanija rigward 'Young Warriors Family Obstacle Race is back! – Buskett Edition, May 2020'. Ingħatat aktar informazzjoni dwar din l-attività u l-Kunsill intalab sapport għal tnax-il parteċipanti tfal sabiex bħala *team* jirrappreżentaw il-lokalità.

09.6.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Aġenzija Sapport rigward l-INK Project fejn ingħatat aktar informazzjoni rigward dan il-proġett li l-għan tiegħu hu li jiġu inklużi aktar nies b'diżabilità fid-dinja tax-xogħol. Din l-Aġenzija tgħin lill-persuna b'diżabilità ssib xogħol u tagħti sapport u tagħrif lil min iħaddem fejn jiġu organizzati *training sessions*. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jagħżel dati u t-*training* isir fil-Kunsill stess u anke l-INK team jiltaqa' mal-Kunsill fejn tingħata aktar informazzjoni dwar il-proġett u kif il-Kunsill jista' jibbenifika.

09.6.19 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta dwar applikazzjoni għall-parkeġġ riservat għal kull min għandu l-karta blu fi Triq ir-Ranċiż. L-ewwel proposta ma ġietx aċċettata minħabba li fl-istess triq kien hemm diġà bħal dan it-tip ta' parkeġġ riservat. Ġie propost sit ieħor u l-applikazzjoni ġiet aċċettata.
Il-Kunsill kien oġġezzjona iżda Transport Malta aċċettat l-applikazzjoni u dan il-parkeġġ riservat sar.

09.6.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward 'Provvediment ta' Servizzi Soċjali u tal-Familja fil-Lokalità' bil-għan li dawk is-servizzi soċjali u tal-familja li diġà jingħataw miċ-Ċentri tal-Fundazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali jiġu estiżi u jingħataw fil-lokalitajiet kollha ta' Għawdex. Il-Kunsill qed jiġi mistieden jikkunsidra jekk hux lest li joffri kemm il-Berġa kif ukoll kamra oħra li sservi ta' uffiċċju sabiex minnhom jingħataw dawn is-servizzi f'ħinijiet differenti matul il-ġranet. Il-Fundazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali ser tagħmel l-investimenti meħtieġa kollha sabiex il-postijiet ikunu attrezzati sabiex fihom jiġi offrut l-istess livell ta' servizz diġà mogħti. Jekk Kunsill ma għandux kamra u ma jixtieqx jidħol f'kirjiet żejda, Kunsilli jistgħu jingħaqqdu u joffru dawn is-servizzi flimkien. Ir-Reġjun Għawdex ser ikun qed jirrifondi sa massimu ta' €1,000 fis-sena l-ispejjeż relatati mal-għoti ta' dawn is-servizzi bħalma huma spejjeż ta' kera, dawl u ilma u għaż-żamma tal-post nadif u akkoljenti. Huwa elenka l-lista ta' servizzi li ser jiġu offruti u talab lill-Kunsill jinfurmah b'dan l-interess jew mod ieħor.
Il-Kunsill ser jinforma lir-Reġjun Għawdex li huwa interessat.

09.6.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand *club* assoċjat mal-Malta Triatlon Federation rigward *event* li jixtiequ jorganizzaw fix-Xlendi li jikkonsisti f'għawm, ċikliżmu u ġiri fid-19 ta' April 2020. Ġiet elenkata l-*area* li ser tintuża u ritratti ta' fejn hemm bżonn li t-triq tingħalaq għat-traffiku.
Il-Kunsill ser jitlob laqgħa u wara tittieħed deċiżjoni.

09.6.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq Munxar rigward it-talba tiegħu sabiex isir *double yellow line* fuq iż-żewġ naħat tal-garaxx li hemm mad-dar meta jsir it-tarmak.
Din it-talba ser titressaq lil Transport Malta.

09.6.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand residenta ta' Triq Munxar rigward kanna tad-drenaġġ fi sqaq f'din it-triq li ħierġa riħa tinten minnha u għandha bżonn titranġa.
Din il-kanna diġà tranġat.

09.6.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand residenta ta' Triq Munxar fejn qed tilmenta rigward estenzjoni tal-bankina fejn f'din il-kantuniera kien joqgħod bawżer tal-ilma żgħir u issa minħabba din l-estenzjoni ser ikollha tingħalaq it-triq għaliex il-bawżer ma joqgħodx u jkun hemm bżonn permess mill-Kunsill. Ilmentat ukoll minħabba li issa sabiex ma tingħalaqx it-triq il-bawżer ser ikollu joqgħod aktar 'il fuq fit-triq u għaldaqstant ikollha bżonn ukoll tabelli tan-*No Parking* mill-Kunsill u tħallas il-permess. Hija qiegħda titlob sabiex titranġa s-sitwazzjoni.
Il-Kunsill ma aċċettax li ma ssirx il-bankina minħabba periklu u dwar il-permess u t-tabelli tan-*No Parking*, il-Kunsill talab direzzjoni mingħand Transport Malta li hija l-Awtorità kompetenti u Transport Malta infurmat lill-Kunsill illi sabiex tagħmel it-tabelli trid tħallas il-permess.

09.6.25 Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident fix-Xlendi sabiex jissewwa bank li kien sar mill-Kunsill u li qiegħed fuq il-moll li jwassal għall-Għar ta' Karolina fix-Xlendi, minħabba li tkissru żewġ fallakki bil-maltemp.
Dan il-bank ser jissewwa.

09.6.26 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir bankina fil-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar. Il-Kunsill diġà għamel it-talba lill-Ministeru għal Għawdex u jekk ma tiġix aċċettata, il-Kunsill jixtri l-materjal u ssir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

09.6.27 Il-Kunsill reġa' rċieva talba sabiex is-siġar taż-Żebbuġ ta' Ġnien Ragalna fi Triq Munxar jinżabru aktar. Il-Kunsill diġà għamel it-talba lill-Ministeru għal Għawdex.

09.6.28 Il-Kunsill talab lil Enemalta sabiex jibdlu arblu li kienet ħabtet ġo fih vettura iżda l-Enemalta qiegħda tgħid li dak irid jinbidel minn min għamel it-triq, jiġifieri, il-Ministeru għal Għawdex.
Il-Kunsill diġà għamel it-talba lill-Ministeru għal Għawdex.

09.6.29 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir bankina ġdida bis-*cement* isfar fi Triq Munxar.
Il-Kunsill diġà għamel it-talba lill-Ministeru għal Għawdex.

**09.7 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2019**

09.7.1 Bħalma jsir kull sena, f'dan iż-żmien iridu jsiru l-*Financial Statements* għas-sena li tkun għadha kemm għalqet u jiġu ppreparati skont l-International Financial Reporting Standards.

Kopja tal-*Financial Statements* iridu jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali u l-Awdituri sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2020. Wara din id-data jinbeda l-proċess tal-verifika.
Preżenti waqt il-laqgħa kien hawn l-*Accountant* tal-Kunsill li ta spjegazzjoni dettaljata ta' dawn il-*Financial Statements*. Wara li saru xi mistoqsijiet mill-Kunsilliera u l-*Accountant* wieġeb għalihom, dawn il-*Financial Statements* ġew approvati.

**09.8 L-Estimi Annwali 2020**

09.8.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat abbozz tal-Estimi Annwali 2020. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2020 għall-Kunsill Lokali Il-Munxar se tkun ta' €283,785.00. Dan ifisser li ser ikun hemm żieda ta' €16,638.00 mill-allokazzjoni tas-sena 2019. Preżenti waqt il-laqgħa kien hawn l-*Accountant* tal-Kunsill li ta spjegazzjoni dettaljata ta' dawn l-estimi. Wara saru xi mistoqsijiet mill-Kunsilliera u l-*Accountant* wieġeb għalihom. Dawn l-estimi ser jiġu ppreżentati fil-Laqgħa Pubblika.
Il-Kunsill approva dawn l-estimi.

**09.9 Il-Karnival fil-Munxar 2020**

09.9.1 Din is-sena, il-Karnival fil-Munxar sar nhar il-Ħamis, 20 ta' Frar 2020 fis-6 ta' filgħaxija fil-Pjazza tal-Knisja. Din is-serata kienet ippreżentata mis-Sur Alvin Scicluna u kien hemm danza mill-Iskola Bishop's Conservatory Junior School ta' Maria Galea, maskli grotteski *Set 1* mill-Għaqda Munxar Carnival Creations fi ħdan is-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin ta' Kenneth Mizzi u Francesco Azzopardi, danza mis-Soċjetà Filarmonika Leone ta' Michael J Cordina, danza mil-Labonski Carnival Company ta' Jean Grima, danza *hilarious* mill-Għaqda Munxar Carnival Creations fi ħdan is-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin ta' Rita Cordina u Danica Sultana, danza *hilarious* mill-grupp ta' Emily Azzopardi u Anabelle Cauchi, danza tal-kbar u danza oħra tat-tfal minn 3Rio Gozitan Dance Company ta' Christian Sacco, maskli grotteski *Set 2* mill-Għaqda Munxar Carnival Creations fi ħdan is-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin ta' Nicholas Grech u Jeremy Mizzi. Kien hemm ukoll sfilata tal-kostumi mit-tfal tal-Munxar li nkitbu fil-Kunsill sabiex jipparteċipaw u satira. Il-prezz totali għall-preżentatur, danez u maskli grotteski u tifkira li kienet tikkonsisti f'prinjolata u ritratt lil kull tifel u tifla li nkitbu fil-Kunsill u pparteċipaw bil-kostum huwa ta' €1,995.40. Is-*sound* kien ipprovdut minn Prostage Sound għall-prezz ta' €383.50 u d-dawl kien ipprovdut minn Micho Lighting għall-prezz ta' €300.00. Is-servizz ta' tliet *security guards* sabiex jikkontrollaw it-traffiku u jieħdu ħsieb in-nies jaqsmu l-*main road* għal waqt is-serata kien ipprovdut minn Security First Services Ltd għall-prezz ta' €99.83.

**09.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

09.10.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 09-2020(24_02_2020) li tkopri l-perjodu mill-31 ta' Jannar 2020 sal-24 ta' Frar 2020 għall-ammont totali ta' €63,236.16 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kienet is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku u s-Sekondat kienet is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**09.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

09.11.1 Il-laqgħa aġġornat fit-8:00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 26 ta' Marzu 2020 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Kimberly Spiteri
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 11-2020(26_03_2020) li nżammet nhar il-Ħamis, 26 ta' Marzu 2020.

**IFFIRMATA**

Damien Spiteri
Sindku